MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 43/2014

**Spinola Development Company Limited**

**(C 331)**

**vs**

**Deborah Fenech de Fremaux (ID 186876M) u, b'digriet datat 8 ta' Lulju 2014, gie nominat Dr Mark Mifsud Cutajar bhala Kuratur Deputat ghall-assenti Deborah Fenech de Fremaux**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Frar 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef, hames mija u tmienja u erbghin Euro u hames centezmi (€6,548.05) rapprezentanti servizz ta' akkomodazzjoni, servizzi ta' l-ikel u servizzi ancillary debitament ipprovduti lilha gewwa l-lukanda Hilton Malta, liema somma hija baqghet ma hallsietx.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Kuratur Depuitat Dr Mark Mifsud Cutajar illi fiha sahaq illi ma kienx edott bil-fatti.

Semghet ix-xhieda ta' Dr Carole Zammit Montebello, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fid 19 ta' Jannar 2015 u fit 13 ta' April 2015.

Rat illi fit-13 ta' April 2015 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta ghajr ghal provi dokumentarji illi kienet ser tippresenta fil-mori tad-differiment.

Rat in-nota b'dokumenti esebita mis-socjeta rikorrenti fis 16 ta' April 2015.

Rat illi lf-4 ta' Gunju 2015, il-Kuratur Deputat ma' deherx u ma gew ippresentati ebda provi, u ghalhekk, il-Qorti ipprocediet illi ddikjarat il-provi intimate bhbala maghluqa.

Rat illi fl-4 ta' Gunju 2015 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq i-provi illi hemm.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ampjament ippruvat mis-socjeta rikorrenti illi hija pprovdiet servizz ta' kamra u ikel lill-intimata Deborah Fenech de Fremaux ghall period bejn it 13 ta' April 2013 u is-16 ta' Lulju 2013 u di fatti l-istess Deborah Fenech de Fremaux, f'diversi okkazzjonjiet, permezz ta' korrispondenza taghha kkonfermat illi kien ser isir il-hlas dovut, tant illi kien gia sar pagament akkont, izda il-bilanc baqa' ma thallasx u ghalhekk huwa dovut.

Peress illi ghalhekk il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lis-socjeta' attrici s-somma sitt elef, hames mija u tmienja u erbghin Euro u hames centezmi (€6,548.05) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------